**173. L-Onor. Charles Buhagiar MP u l-Onor. Carmelo Abela MP jipproponu:**

Li l-Avviż Legali numru 9 ta' l-2005 li qed jemenda r-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), ta' l-Att dwar Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (Kap 332) qed ikompli jżid il-piżijiet fuq il-familji Maltin u Għawdxin billi qed jgħolli bosta tariffi, inkluż dawk tat-tfal, l-istudenti u l-anzjani. Minkejja din iż-żieda, din ma kenitx marbuta ma' titjib fis-servizz tat-trasport.

Dan ukoll jikkuntrasta bil-kbir mad-diskors tal-budget fejn intqal li "l-Gvern hu mpenjat li jkompli bir-riforma fit-trasport pubbliku biex dan jaqdi l-ħtiġijiet tal-pubbliku u allura jsir dejjem aktar użu minnu". Din il-miżuira se tkompli tgerrex aktar nies milli jagħmlu użu mit-trasport pubbliku minħabba li n-noll qed jiżdied bi 33% u f'każijiet oħra ż-żieda fin-noll mhux ta' 5 ċenteżmi kienet, skond dak li tħabbar fil-budget għal din is-sena, iżda ta' 10 ċenteżmi.

Dan minbarra l-fatt li din il-miżura se twassal għal degradazzjoni ambjentali akbar minħabba li anqas nies se jagħżlu li jużaw it-trasport pubbliku u allura jibqgħu jużaw il-vetturi tagħhom.

Barra minn dan, il-Gvern għal darb'oħra qed imur lura mill-wegħdiet tiegħu u dan billi fid-diskors tal-budget f'paġna 25 kien qal li "Din iż-żieda, iżda, mhux se taffettwa l-ħlas fil-biljett tat-trasport pubbliku li qed iħallsu l-anzjani u l-istudenti". Hekk kif daħlet fis-seħħ din il-miżura, il-Gvern mar kontra dak li huwa stess kien stqarr fid-diskors tal-budget meta dak inhar ma għamel l-ebda distinzjoni bejn studenti u studenti.

Għaldaqstant din il-Kamra qed tħassar u tirrevoka dan l-Avviż Legali b'mod immedjat ħalli ma jkomplux ibatu aktar familji u minħabba raġunijiet oħra hawn fuq imsemmija.

7.02.05